# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 27 ta’ April, 2001

**Numru**

**Citaz. numru: 3054/96 NA**

**Adrian Fenech**

**vs**

**Tania Balzan u b’digriet tat-3 ta’ Settembru 1998 l-Avukat Paul Borg Olivier u l-P.L. Paul Saliba gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Tania Balzan**

**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta - Prokreazzjoni tat-tfal.**

**Il-prokreazzjoni tat-tfal huwa element essenzjali tal-hajja mizzewga u ghalhekk l-eskluzjoni posittiva ta' din il-prokreazzjoni tivvizzja l-kunsens u twassal ghan-nullita' taz-zwieg taht is-sub-inciz fuq ikkwotat.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-22 ta' Ottubru 1996 fejn ippremetta:

"Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fil-Knisja ta' Lapsi, gewwa San Giljan, fit-3 ta' Mejju 1991 (Dokument "A");

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi inoltre l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fit-3 ta' Mejju 1991 huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

TALAB li din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fit-3 ta' Mejju 1991 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta biex tidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument esebit.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor Paul Borg Olivier u l-Prokuratur Legali Paul Saliba bhala kuraturi deputati ghall-konvenuta assenti b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tat-3 ta' Settembru 1998.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi tal-25 ta' Jannar 1999 fejn eccepew illi ma kienux edotti mill-fatti w irrizervaw li jaghtu eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tat-18 ta' Jannar 1999 fejn l-attur ta dik l-informazzjoni li kellu dwar l-indirizz ta' l-assenti.  F'din is-

seduta l-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Joseph Azzopardi biex jigbor il-provi u jirrelata.

Rat ir-rikors ta' l-attur tat-28 ta' Dicembru 2000 u l-visto tal-kontro-parti.

Ir-relazzjoni giet mahlufa fis-seduta tat-28 ta' Jannar, f'liema seduta l-attur, tramite d-difensur tieghu, irremetta ruhu ghar-rapport peritali. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu u peress li ma jidher li jezistu ebda ostakoli din is-sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel lok u preliminarjament il-Qorti tinforma lill-attur li in vista ta' l-istat taghha ma kienx possibbli li din il-kawza tigi rikjamata. Hija pero' inghatat preferenza biex is-sentenza zgur tinghata fid-differiment tallum.

Ikkunsidrat:-

Il-Perit Legali wara li kkunsidra l-provi mressqa mill-attur principalment l-affidavit tieghu ta' l-istess martu (li kien gie

pprezentat quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku) u ta' Alexandra Fenech, il-mara ta' huh u li kienet pjuttost vicin taghha wasal ghall-konkluzzjonijiet illi: "*Ma hemm ebda dubbju li ghall-inqas ghal certu perjodu l-konvenuta ma kellha ebda intenzjoni li mir-relazzjoni sesswali taghha ma' l-attur ikun hemm prokreazzjoni u tali eskluzjoni kienet ghal xi perjodu zgur mhux maghrufa mill-attur, billi wzat kontracettivi minghajr ma kien jaf. Barra minn dan pero' mill-kumpless tal-provi jidher ven car li hija ma kellix intenzjonijiet simili tul il-perjodu li ssussista z-zwieg bejn il-partijiet. Fil-fehma ta' l-esponent ghalhekk it-talba ta' l-attur ghandha tigi akkolta fuq dawn iz-zewg bazi izda certament l-iktar fuq din it-tieni bazi.*"

Ikkunsidrat:-

Il-Qorti tikkondividi din l-opinjoni tal-Perit Legali. Jirrizulta mill-provi u mill-ammissjoni ta' l-istess konvenuta illi hija ma kenitx bi hsiebha qatt ikollha tfal ma' l-attur u ammettiet ukoll li kienet tiehu l-pillola kontracettiva minghajr ma tghid lil zewgha. Din il-Qorti, anke f'sentenzi minnha moghtija recentement, kellha okkazzjoni tiddikjara illi l-prokreazzjoni tat-tfal huwa element essenzjali tal-hajja mizzewga u ghalhekk l-eskluzjoni posittiva ta' din il-prokreazzjoni tivvizzja l-kunsens u twassal ghan-

nullita' taz-zwieg taht is-sub-inciz (f) ta' l-Artikolu 19 (1) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet in aggiunta ma' dawk moghtija mill-Perit Legali din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fit-3 ta' Mejju 1991 huwa null u bla ebda effett legali u dana bl-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.